MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru. 40/2006

Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)

-vs-

**Anthony Camilleri** ta' 66 sena, bin John u Gawdenzia nee' Zammit, imwieled Zebbug, nhar id-19 ta' Jannar 1941, residenti fil-fond numru Block C1, Flat 2, Triq Ganni Bonnici, Zebbug detentur tal-Karta ta' l-identita' numru 80841M

u

**Philip Borg** ta' 37 sena, bin Emanuel u Josephine nee' Caruana, imwieled Pieta' nhar il-24 ta' Gunju 1969, residenti fil-fond numru 196, Triq Salvu Zammit, Luqa Karta ta' l-identita' numru 268469M:

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Dicembru 2006 gewwa l-Vittorja Ghawdex u diversi postijiet ohra b'diversi atti maghmulin li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda,

a. gewwa l-fond "Silvana's Stationary and Crafts", Triq Vajringa, Rabat, f'xi hin bejn is-sebgha (1900hrs) u l-hdax u ghoxrin (23.20hrs) tas-6 ta' Dicembru 2006 serqu aktar minn Lm40.00 ghad-detriment ta' Mark Cini, liema serq huwa aggravata bil-bin u bil-mezz;

b. gewwa l-fond "Aquilina Religious Articles", Main Gate Street, Rabat, f'xi hin bejn is-sebgha (1900hrs) u s-saghtejn u nofs (0230hrs) fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Dicembru 2006 serqu aktar minn Lm100 ghad-detriment ta' Paul Aqulina, liema serq huwa aggravata bil-valur, hin u bil-mezz;

c. gewwa l-fond "Beehive", Pjazza San Frangisk, Rabat, f'xi hin bejn is-sebgha (1900hrs) u s-saghtejn u nofs (0230hrs) fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Dicembru 2006 serqu aktar minn Lm70.00 ghad-detriment ta' Savour Mercieca, liema serq huwa aggravata bil-hin u bil-mezz.

d. Ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmlu delitt urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' serq aggravata bil-mezz u bil-hin fil-fond "Tal-Giezu Bargain Shop", Triq il-Palma, Rabat, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom;

e. U aktar talli fl-istess jum, lok, hin, data u cirkostanzi volontarjament hassru, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' l-bieb ta' barra tal-fond Silvana's Stationary and Crafts liema ammont hu ta' Lm23.15 u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U fl-ahhar lil **Philip Borg biss** talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Mgt. Dr D. Montebello LL.D.) moghtija fil-11 ta' Jannar 2006 u b'sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex (Mgt. Dr C Scerri Herrera LL.D) moghtija fit-12 ta' Jannar 2006, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Ukoll talli fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' Dicembru 2006 gewwa r-Rabat Ghawdex wara li kien gie kkundannat f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta' frottijiet, xtieli jew prodotti ohra tar-raba jew tal-gonna, jew ta' flus jew ta' oggetti ohra, li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif gew legittimament ghandu;  inkella nstabu ghandu mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandu forom ta' serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal-liema skop legittimu nstabu ghandu f'dak iz-zmien.

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihalsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Filwaqt li nesebixxi l-fedina penali kif ukoll estratt mill-att tat-twelid ta' l-imsemmija Anthony Camilleri u lil Philip Borg, nitlob li dan il-kaz jigi nvestigat skond il-lgi.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati volontarja u inkondizzjonata.

**Ghar-rigward Philip Borg:**

Fuq ammissjoni

Issibu hati;

Wara li rat il-fedina penali u kkunsidrat il-fatti kollha kompriz dak li l-imputat iddikjara illi jixtieq tinghatalu ghajnuna sabiex jelimina l-vizzju tal-loghob;

Wara li kkunsidrat ukoll ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fatt li kkopera mal-Pulizija;

Wara li rat l-Art 261 (b), (c) u (f), Art 278, Art 279 (a) u Art 280 tal-Kap 9.

Tikkundannah ghal sitt xhur priguenrija u

Tordna wara li rat l-Art 28A u B tal-Kap 9 li s-sentenza sospiza tal-11 ta’ Jannar 2006 tirrendi operattiva.

Il-Qorti;

Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex jindaga dwar kull possibilita’ biex jassisti lill-imputat mill-vizzju tal-loghob li ghandu.

**Fir-rigward Anthony Camilleri.**

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Wara li kkunsidrat ukoll ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fatt li kkopera mal-Pulizija;

Rat l-Art. 261 (b), (c) u (f), Art 278, Art 279(a) u Art 280 u Art 28A u B tal-Kap 9.

Tikkundannah ghall-piena ta’ sena prigunerija sospizi ghal sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------